Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell Ċivili numru:- 1277/2010

**Justin Spagnol [I.D. 562491M]**
**(appellat)**

**Vs**

**Janice Briffa bħala leġittimu rappreżentanta tal-minuri Ruud Buhagiar [I.D. 504772M]**
**(appellanta)**

30 ta' Mejju, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2010 quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar,[1] l-attur talab il-ħlas ta' €2,565 "*peress li Ruud Vassallo, iben il-konvenuta nhar is-27 t' Ottubru, 2009 fuq il-karozza tal-linja, ossija fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd, ta' żewġ daqqiet ta' ponn fil-parti ta' bejn il-ħalq u l-imnieħer ta' l-attur (**Dok Z**); Peress illi per konsegwenza tad-daqqiet l-attur sofra danni fiżiċi akbar; Peress illi l-kirurgu Adrian Agius illikwida d-danni għall-operazzjoni fl-ammont ta' €2,500 (**Dok A**); u Peress illi l-attur għamel spejjeż oħra ta' €65 (**Dok B** u **C**)*".

2. Permezz ta' risposta ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2010,[2] il-konvenuta rrispondiet illi "*it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda peress li: (a) hi ma għandha ebda tifel bl-isem Ruud Vassallo; (2) li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ebda danni ma ġew kawżati u kif ukoll tali spejjeż u tali operazzjoni jistgħu dejjem isiru fi Sptar Mater Dei; (3) Illi hija m'għandiex tbagħti spejjeż'.*

3. Fis-seduta tal-10 t'April 2014[3] il-konvenut qajjem l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' Ġurisdizzjoni tat-Tribunal in vista tat-talba tal-attur li jirreka danni li għadhom ma ġewx likwidati stante li l-ammont mhux likwidat u dovut. Permezz ta'

[1] Fol. 1.
[2] Fol. 9.
[3] Fol. 68.

sentenza in parte tal-11 ta' Novembru 2014,[4] it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni u ordna l-prosegwiment tal-kawża.

4. Illi minkejja li t-Tribunal ta żmien biex jitressqu u jingħalqu l-provi dawn baqgħu ma tressqux u għalhekk it-Tribunal iddikjara magħluqa l-istadju tal-ġbir tal-provi.

5. B'sentenza tas-27 ta' Jannar 2015,[5] It-Tribunal għal Talbiet Zgħar iddeċieda:

> "*il-verżjoni tal-attur kienet waħda konvinċenti li t-Tribunal iħoss illi kienet il-verita. Għal din ir-raġuni jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' elfejn ħames mija ħamsa u sittin ewro (€2,565) lill-attur. Bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż tal-kawża ikunu a karigu tal-konvenut.*"

6. Illi k-konvenuta Janice Briffa u Ruud Buhagiar appellaw kemm mis-sentenza in parte tal-11 ta' Novembru 2014 kif ukoll mis-sentenza finali tas-27 ta' Jannar 2015. L-aggravji tagħha huma s-segwenti: (1) il-konvenuta noe kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu t-Tribunal ma kellux jilqa' l-korrezzjoni fl-isem minn Ronald Vassallo għal Ronald Buhagiar u f'kull każ ma saret l-ebda talba sabiex l-isem Ronald Vassallo jiġi sostitwit b' Ruud Buhagiar kif ġie indikat fis-sentenza appellata; (2) id-deċiżjoni parzjali tal-11 ta' Novembru 2014 hija żbaljata in kwantu t-Tribunal mhux kompetenti jiddeċiedi l-vertenza odjerna stante li din il-kwistjoni mhix talba ta' flus kif definita fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 380; (3) l-appellanti ma ngħatawx smiegħ xieraq; (4) il-provi mressqa ma setgħux iwasslu għal sentenza ta' danni; u (5) l-intimati m'għandhomx jiġu kundannati jiħallsu l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża ladarba l-attur dam sal-14 ta' Jannar 2015 biex għalaq il-provi tiegħu.

7. Illi permezz ta' risposta datata 27 t'April 2015 l-appellat Justin Spagnol wieġeb illi is-sentenza hi ekwa u ġusta u timmerita konferma u għaldaqsant talab lil din il-Qorti tiċħad l-appell odjern.

## <u>**Ikkunsidrat**</u>:

8. Illi l-<u>fatti</u> kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:

   - Il-kawża infetħet minn Justin Spagnol kontra Janice Briffa bħala leġittimu kontradittur rappreżentat tal-minuri Ruud Buhagiar.[6] Madanakollu fil-parti tal-avviż fejn ġew elenkati d-dettalji dwar it-talba, saret referenza għal 'Ruud Vassallo'. Fl-ewwel udjenza l-attur talab korrezzjoni fl-okkju '*fis-sens li fejn hemm l-isem 'Ronald Vassallo' jiġi*

[4] Fol. 77 et. seq.
[5] Fol. 81.
[6] Fol. 1.

*sostitwit b' Ronald Buhagiar'.* It-Tribunal laqa' t-talba u l-każ tħalla għall-provi tal-attur.[7]

- Fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2011 xehed **Justin Spagnol** li kkonferma li fis-sena 2009 kellu inċident ma' Ruud Buhagiar fuq il-karozza tal-linja meta kienu sejrin lura d-dar minn Paceville għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (3:30am) meta l-konvenut tah daqtejn ta' ponn f'imnieħru. Mad-daqqa ħariġlu ħafna demm, niżel minn fuq il-karozza tal-linja, nxteħet mal-art u ċempel lill-ġenituri tiegħu li ħaduh l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar u l-Polyclinic u minn hemm intbagħat Mater Dei. It-tabib li nvistah qallu li kellu l-qarquċa mgħawwġa u setgħet titranġa biss b'operazzjoni. Kien għalhekk li mar St James Clinic biex jara kemm tiswa din l-operazzjoni fejn ġie infurmat li l-prezz kien jammonta għal madwar €2,000/€2,2500. Huwa irrefera għad-dokumenti minnu esebiti:

- '*Patients Certification Form'* maħruġ mill-Isptar Mater Dei fis-27 ta' Ottubru 2009, li jaqra li Justin Spagnol sofra minn '*minimal deviation of tip to left; no septal haematoma; no blockage to nasal bones; septum minimally deviated – cartilage only'* (**Dok Z**)[8].
- Ċertifikat maħruġ minn Mr. Adrian M Agius, ENT Surgeon, fis-7 ta' April 2010 fis-sens li '*Mr Justin Spagnol case ... on examination the nasal bones and cartilage are deviated to the left. For correction surgery is required (sceptorhinoplasty). The operation would cost approximately €2,500 in total'* (**Dok A**)[9].

- Id-depożizzjoni ta' Mario Spagnol ġiet sfilzata mill-atti b'ordni tal-Qorti tal-11 ta' Marzu 2011 in kwantu x-xhud kien fl-Awla waqt li kien qiegħed jixhed l-attur.[10]

- Xehed **Ruud Buhagiar** fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2011. Qal illi l-attur kien dejjem jheddu u jkellmu ħażin. Meta seħħ l-inċident iltaqgħu fuq tal-linja sejrin lura mid-dar wara Paceville. L-attur kien bilqegħda fis-*seat* ta' warajh u x'ħin qam biex jinżel baqa dieħel ġo fih u dak il-ħin ħassu mhedded, '*u allura ħassejt il-bżonn li ndur u tajtu daqqa f'wiċċu. Jien ma għamilt xejn aktar minn hekk'.* L-attur baqa' nieżel minn fuq il-bus. Ċaħad li qatt għamel training tal-boxing stqarr li kien biss jagħmel *training* tal-*football.*

[7] Fol. 11.
[8] Fol. 2.
[9] Fol. 5.
[10] Fol. 14.

- Fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2011 l-attur iddikjara l-provi tiegħu magħluqa u l-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut għat-22 ta' Ġunju 2011.[11]

- Fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju xehed **Justin Spagnol** in kontro-eżami. Qal li ftit qabel ma ġara l-inċident l-konvenut kien bilqegħda fuqu fuq stedina tiegħu stess peress li l-karozza tal-linja kienet mimlija. Ċaħad li kien imbotta lill-konvenut. Huwa minnu li kien hemm xi diverbju bejniethom xi xhur qabel u li huwa kien qallu kliem mhux xieraq pero xehed li kienu ċċaraw kollox. Tenna li Ruud Buhagiar taħ daqtejn ta' ponn, l-ewwel b'idu l-leminija u mbgħad bl-id ix-xellugija b'tant saħħa li poġġieh bilqegħda u ħariġlu ħafna demm. Stqarr li l-operazzjoni m'għamiliex għaliex m'għandux flus u biex jagħmilha Mater Dei irid jistenna ħafna. Qal li kien hemm proċeduri kriminali ukoll dwar dan l-inċident. Ċaħad li kien jaqbad mal-konvenut kontinwament u jgħajjru fuq l-internet.

- Bejn is-27 ta' Settembru 2011 u d-9 ta' Frar 2012 l-kawża ġiet differita b'ordni tat-Tribunal. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 deher biss l-avukat tal-konvenuta u ma tressqu l-ebda provi u fit-2 ta' Marzu 2012 l-każ ġie differit għal darb' oħra b'ordni tat-Tribunal peress illi inbidel l-ġudikatur. L-attur talab differiment għall-udjenza sussegwenti tat-22 ta' Marzu 2012 għaliex l-avukat tiegħu ma setgħax jattendi. Fl-udjenza tal-24 ta' April 2012 dehru l-partijiet assistiti, ma tressqu l-ebda provi u l-kawża ġiet differita għat-12 ta' Ġunju 2012.

- Fit-24 ta' April 2012 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Ruud Buhagiar** fejn xehed li l-attur ma kienx ħabib tiegħu iżda kien jaqbad miegħu *online* billi jgħajjru u jkellmu ħażin. Wara li għadda ftit taż-żmien ma baqax jheddu. Tenna li fil-jum tal-inċident kien bilwieqfa fuq tal-linja, sejrin id-dar wara Paceville, mhux bilqegħda fuq Justin Spagnol kif allega dan ta' l-aħħar. Il-karozza tal-linja kienet mimlija u Justin Spagnol kien bilqegħda fis-seats ta' warajh. Xehed li f'ħin minnhom Justin Spagnol taħ daqqa ta' spalla, inħasad u tah daqqa ta' ponn għax beża': '*jiena inħsadt mill-ewwel malli għamilli hekk u biex niddefendi ruħi ilqajt b'idi u idi ġiet ġo wiċċu li ġiet qisha daqqa ta' ponn. Ngħid li fil-fatt nista ngħid li jiena tajtu daqqa ta' ponn għax bżajt minnu ...*' Xehed li Justin Spagnol ma kellux demm u lanqas hu ma kellu demm m'idu. Ma qam l-ebda kjass fuq tal-linja u Spagnol sempliċement niżel fl-*istage* ta' wara. Spagnol għamillu rapport l-għassa, ressquh il-Qorti iżda ħareġ liberat.[12] Ċaħad ukoll li kien taħt l-influwenza tad-droga jew li jagħmel *training* tal-*boxing* kif allegat minn Spagnol. Insista li fl-aħħar mill-aħħar Spagnol ma għamel l-ebda operazzjoni.

[11] Fol. 18.
[12] Fol. 33 u 54.

- Fl-udjenza sussegwenti tat-12 ta' Ġunju 2012 la deher l-konvenut u lanqas l-avukat tiegħu u għalhekk l-avukat tal-attur preżenti ma setax jagħmel il-kontro-eżami ta' Ruud Buhagiar u fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2012 Ruud Buhagiar talab differiment għaliex kien ma jiflaħx. Fiż-żewġ udjenzi sussegwenti talab differiment l-avukat tal-attur u fil-21 ta' Jannar 2013 dehru l-avukati tal-partijiet pero Ruud Buhagiar ma deherx b'dan illi il-kontro-eżami tiegħu ma setax isir. It-Tribunal innota li '*dan ix-xhud kien preżenti fis-seduta ta' qabel li pero ma kienx hawn Dr Bonnici sabiex jagħmilllu l-kontro-eżami'.* Minkejja dan, il-verbal tal-udjenza preċedenti jgħid li '*meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd'.* Fl-udjenza sussegwenti reġa' talab differiment l-avukat tal-attur.

- Fil-11 t' April 2013 deher l-avukat tal-attur pero għal darb' oħra Ruud Buhagiar ma deherx b'dan illi il-kontro-eżami tiegħu ma setgħax isir. Fis-16 ta' Mejju 2013 il-kawża ġiet differita b'ordni tat-Tribunal.

- Fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2013 xehed **Ruud Buhagiar** in kontro-eżami dwar dak dikjarat minnu fl-affidavit. Sostanzjalment tenna dak li xehed preċedentement.

- L-udjenza ta' wara ġiet differita minħabba żball fid-differiment u kellu jingħata differiment ieħor sabiex ikun hemm żmien biżżejjed jitħarrek ix-xhud.

- Fl-udjenza tal-14 ta' Jannar 2014 xehedet **Norma Baldacchino** OIC Customer Care fl-Isptar Mater Dei. Hija spjegat li ma setattx tagħti informazzjoni dwar **Dok A** peress li kienet għada tirċevieh il-ġurnata ta' qabel u ma laħqitx għamlet verifiki. Qalet li taħseb li l-intervent imsemmi jaqa' taħt il-*cosmetic* u għalhekk ma jsirx Mater Dei peró riedet tikkonferma.

- Fl-udjenzi sussegwenti ingħata differiment għax ix-xhieda ma ġietx traskritta u d-darba ta' wara għaliex it-Tribunal kien sprovvist mill-proċess.

- Fl-udjenza tal-10 t'April 2014, il-konvenuti eċċepew in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal in vista li t-talba tal-attur mhijiex ammont likwidu u dovut kif jitlob il-kap li jirregola l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal. L-attur irrisponda u l-każ baqa jiġi differit sakemm ingħatat sentenza parzjali fil-11 ta' Novembru 2014 li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza u ħalla l-każ għall-għeluq tal-provi.

- Fl-udjenza sussegwenti ma deher ħadd u t-Tribunal ħallas l-każ għall-aħħar darba għall-provi kollha tal-partijiet u għamilha ċara li kemm-il darba ma jitressqux l-ebda provi fis-seduta ta' wara, it-Tribunal kien se jgħaddi għas-sentenza finali.

- Fl-udjenza ta' wara dehret biss omm l-attur assistita li ddikjarat li ma kelliex aktar provi. Peress illi l-konvenuta naqset milli tidher u tressaq il-provi tagħha, it-Tribunal qies il-provi magħluqa u ħalla l-każ għas-sentenza finali li ngħatat fl-udjenza ta' wara, ċioé tas-27 ta' Jannar 2015.

9. Dan premess, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji tal-appellanti:

**<u>L-Ewwel Aggravju.</u>**

10. Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti ilmentaw li l-konvenuta *nomine* kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu t-Tribunal ma kellux jilqa' l-korrezzjoni fl-isem minn '*Ronald Vassallo għal Ronald Buhagiar*' u f'kull każ ma saret l-ebda talba sabiex l-isem '*Ronald Vassallo*' jiġi sostitwit b' '*Ruud Buhagiar*' kif ġie indikat fis-sentenza appellata.

11. Dan l-aggravju ma jreġix. Fl-ewwel lok, l-appellanti ma taw l-ebda motivazzjoni fl-appell tagħhom għalfejn skonthom din il-korrezzjoni ma kellhiex tintlaqa' apparti l-fatt li l-isem kif korrett huwa ħażin għaliex iben il-konvenuta Janice Briffa jismu Ruud mhux Ronald iżda mill-atti ma jirriżultax li l-konvenuti appellanti qatt oġġezzjonaw għal tali korrezzjoni. Lanqas ma jirriżulta li ġibdu l-attenzjoni tat-Tribunal f' dan is-sens fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2010.

12. Din il-Qorti tqis li l-korrezzjoni *per se* li għamel it-Tibunal hija permessa mill-liġi, senjatament, permezz tar-Regolament 7 tar-Regoli dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar (L.S. 380.01) b'dan illi ma hemm xejn legalment irregolari fid-digriet tal-15 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu ġiet milqugħa t-talba attriċi għall-korrezzjoni. Għalkemm din il-Qorti tagħraf li għal xi raġuni, fil-15 ta' Novembru 2010 l-attur talab li fl-Avviż fejn hemm l-isem '*Ronald Vassallo*' jiġi sostitwit b' '*Ronald Buhagiar*', liema talba ġiet milqugħa, jirriżulta mill-atti li din il-korrezzjoni tolqot <u>biss</u> dik il-parti tal-Avviż li tirrigwarda d-'*dettalji dwar it-talba*'[13] fejn l-attur indika '*Ruud* Vassallo' bħala xhud u fil-fatti fil-qosor tal-każ. Peró dan ma tbiddel xejn mill-fatt li Janice Briffa tniżżlet tajjeb **bħala konvenuta a nom tal-minuri '*Ruud Buhagiar*'** fil-parti rilevanti tal-Avviż

[13] Fol. 6.

ta' Talba u l-korrezzjoni awtorizzata fil-15 ta' Novembru 2010 ma jolqotx dan il-fatt.[14]

13. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li għalkemm l-appellanti għandhom raġun jgħidu li t-Tibunal ma kienx korrett meta fl-ewwel paġna tas-sentenza jgħid li l-korrezzjoni mitluba u awtorizzata fid-digriet tal-15 ta' Novembru kienet minn '*Ruud Vassallo għal Ruud Buhagiar*'[15], dan ma jwassalx lil din il-Qorti tilqa' dan l-aggravju in kwantu, kif ingħad aktar 'l fuq, fl-okkju tal-avviż tat-talba l-appellant ġie korrettement indikat bħala Ruud Buhagiar.

14. Dwar il-fatt li isem Ruud Buhagiar ġie indikat ħażin fid-dikjarazzjoni tal-fatti u bħala xhud a fol. 6 tal-proċess, fil-kuntest tal-assjem tal-atti, speċjalment tenut kont tal-fatt li Ruud Buhagiar xehed kemm bil-mezz tal-affidavit kif ukoll in kontro-eżami dwar il-mertu tal-każ, isegwi li m' hemmx dubju dwar l-identità tiegħu. Konsegwentement, kif tgħallem il-ġurisprudenza, m' hemmx lok li l-konvenuta tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju fuq din il-bażi:

> *'l-fatt tad-difett ... ma jġibx għalhekk illi l-kumpannija konvenuta għanda tħoss ruħha ħielsa mill-kundanna. Sewwa ngħad mis-soċjetá attriċi appellata illi* ***fl-aħħar mill-aħħar*** *dak li jitqies maġġorment importanti huwa li l-vettura ġie ben identifikata bħalal-vettura li sofriet id-dannu. Din l-identifikazzjoni tirriżulta kjarament mix-xhieda prodotti mis-soċjetá appellanta'*[16]

15. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

16. Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jilmentaw mid-deċiżjoni parzjali tal-11 ta' Novembru 2014 li skonthom hija żbaljata in kwantu t-Tribunal mhux kompetenti jiddeċiedi l-vertenza odjerna stante li din il-kwistjoni mhix talba ta' flus kif definita fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 380.

17. Illi l-artikolu 3 tal-Kap. 380 jistabbilixxi illi:

> *'... (2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000):*
>
> *Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.*

[14] Fol. 1.
[15] Ara l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru, 2010 (fol. 11).
[16] ***Bonnici George v. Phoenicia Hotel Company Limited***, Qorti tal-Appell, 12 ta' Jannar 2005.

*(3) (a) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għall-istess raġuni, il-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.*

*(b) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet differenti, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.*

*(ċ) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).*

*...*

*(5) Kawżi li fihom jindaħlu kwistjonijiet dwar proprjetà ta' beni immobbli, piżijiet jew jeddijiet oħra mgħaqqdin mal-immobbli, għad li t-talba ma tkunx tiskorri ħamest elef euro (€5,000), u kawżi ta' żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli ma jidħlux fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal.'*

18. Illi it-Tribunal, wara li rrefera għall-artikolu preċitat, għamel is-segwenti kunsiderazzjoni li wasslitu sabiex jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-ġurisdizzjoni:

*'4. Illi dak li korrettament talab l-esponenti bħala attur fil-kawża in eżami hu propju dak li trid il-liġi, talba għal ħlas rappreżentanti danni sofferti lilu tort tal-konvenut Ruud Buhagiar, liema talba ma teskorrix il-limitu impost mill-liġi u ċioe' ħlas fl-ammont ta' elfejn ħames mija ħamsa u sittin ewro (€2,565).*

*It-Tribunal għalhekk huwa tal-fehma illi minkejja li l-attur għadu ma ħallasx l-ammont li qed jitlob minkeja il-konvenut ma jneħħix il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal.'*

19. Illi din il-Qorti taqbel ma dak deċiż mit-Tribunal in kwantu l-Artikolu 3 tal-Kap. 380 effettivment jagħtih ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000). It-talba tal-attur għall-ħlas ta' €2,500 taqa' fil-parametri tal-kompetenza tat-Tribunal minkejja li l-konvenut għadu ma ħallasx l-ammont li qiegħed jitlob sabiex ikun jista' jagħmel l-operazzjoni in kwistjoni. Il-fatt li t-Tribunal kellu jiddeċiedi dwar jekk hemmx responsabbilta' ma jfissirx li dan ma kienx każ li jitratta dwar talba ta' flus. Il-kliem *"jaqta' t-talbiet **kollha** ta' flus"* (artikolu 3) hi tant wiesa' li tinkludi kawza ghal danni akwiljani.

20. Għaldaqstant, tiċħad it-tieni aggravju.

## It-Tielet Aggravju.

21. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti jilmentaw li ma ngħatawx smiegħ xieraq *'stante li anke mill-verbal għandu jirriżulta lil Qorti li l-attur qatt ma għalaq il-provi tiegħu tant li sat-3 ta' Frar 2014 kienet għadha għal provi*

*tiegħu. Illi fl-10 ta' April 2014 l-appellanti ressqu eċċezzjoni preliminari dwar il-kompetenza tat-Tribunal liema sentenza ingħatat fil-11 ta' Novembru 2014. Sa differiment għal 10 ta' Diċembru 2014 u ħadd ma deher u fl-14 ta' Jannar 2015 deheret l-avukat tal-attur u kien dakinhar li l-attur iddikjara li ma għandux aktar provi. Illi għalhekk ma setgħax it-Tribunal dakinhar stess iqis il-provi magħluqa u jgħaddi biex jagħti s-sentenza fis-27 ta' Jannar 2015 kif fil-fatt għamel u dan meta l-attur dam 5 snin biex għalaq il-provi tiegħu'.*

22. Illi l-artikolu 9 tal-Kap. 380 jipprovdi illi bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regoli magħmula mill-Ministru a tenur tal-Artikolu 16 tal-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, ġudikatur jirregola l-proċedimenti quddiem Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali u skont is-subartikolu (2) tal-istess artikolu, ċioé, billi: jiżgura li l-każ jinstema' u jinqata' sommarjament kemm jista' jkun possibbli; jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq mingħar il-ħtieġa li titressaq l-aħjar prova u bla ma jkun marbut dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta l-każ li jkun qed jittratta; jiddeżisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti; jelenka d-dettalji ewlenin li fuqhom ikun sejjes id-deċiżjoni tiegħu; u ikollu l-istess setgħa daqs maġistrat li joqgħod fil-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza ċivili tagħha u b'mod partikolari jkun jista' jħarrek ix-xhieda u jamministralhom il-ġurament.

23. Illi jsegwi illi filwaqt li l-formaliżmu eċċessiv għandu jiġi evitat f' dawn il-proċeduri ta' natura sommarja, ma jistax ikun dubitat illi l-osservanza tar-regoli tal-proċedura hi meħtieġa biex jiġi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawża u r-regolarità tagħha.[17]

24. Illi mill-fatti 'l fuq ċitati jirriżulta li mhux minnu li l-attur dam ma għalaq il-provi tiegħu sat-13 ta' Frar 2014 kif allegat mill-appellanti iżda <u>l-provi attriċi kienu ilhom li ngħalqu sa **mit-3 ta' Mejju 2011**</u> (ara verbal ta' dik is-seduta). Fil-fatt il-verbal jaghlaq: *"Il-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut għat-22 ta' Ġunju, 2011"*. Imbagħad fl-24 ta' April 2012 il-konvenuti ppreżentaw l-affidavit ta' Ruud Buhagiar u l-każ ġie **differit għall-kontro-eżami tiegħu u għall-għeluq tal-provi tal-konvenuti.** Mandanakollu jirriżulta li fiż-żewġ udjenzi sussegwenti l-konvenut ma deherx u ma setax isirlu l-kontro-eżami. Għalkemm imbgħad kien hemm xi differimenti fuq talba tal-attur u b' ordni tat-Tribunal, kien hemm żewġ okkażjonijiet oħra fejn il-kontro-eżami tiegħu ma sarx għaliex rega' ma deherx u kien biss fis-27 ta' Ġunju 2013 li l-konvenut xehed in kontro-eżami. Din il-Qorti tirrimarka ukoll li fil-frattemp, ma kien hemm xejn x' josta lill-konvenuti milli jkomplu jressqu l-provi l-oħra tagħhom. Mill-atti proċesswali jirriżulta li la darb xehed in-kontro-eżami Ruud Buhagar il-konvenuti ingħataw aktar minn ċans wieħed biex jinġunġu x-xhieda u jressqu l-provi tagħhom. Fil-fatt xehedet Norma

[17] ***Untours Insurance vs Gauci Maria Lourdes***, Qorti tal-Appell, 10 ta' Lulju 2003.

Baldacchino mill-*Customer Care* ta' Mater Dei. Kien biss fl-udjenza tal-10 t' April 2014, fi stadju avvanzat tal-provi tal-konvenuti li dawn ta' l-aħħar qajmu l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal liema eċċezzjoni ġiet miċħuda fil-11 ta' Novembru 2014 u l-każ ġie differit għall-għeluq tal-provi. Fl-10 ta' Diċembru ma deher ħadd u l-kawża ġiet differita għall-provi kollha tal-partijiet u, '*kemm il-darba ma jitressqux l-ebda provi fis-seduta li jmiss allura it-Tribunal jgħaddi biex jagħti s-sentenza'*. Fl-14 ta' Jannar 2015 deher biss l-avukat tal-attur rappreżentat minn ommu '*peress li s-seduta tal-lum kellha tkun għall-għeluq tal-provi tal-partijeit u filwaqt li l-attur iddikjara li ma għandux iżjed provi l-konvenuta naqset kemm milli tidher u tressaq il-provi tagħha. It-Tribunal għalhekk jqis il-provi magħluqa u jgħaddi biex jagħti s-sentenza'* li ngħatat fis-27 ta' Jannar 2015.

25. Jirriżulta għalhekk li l-konvenuti ingħataw opportunita ampja biex jippreżentaw il-provi tagħhom u m'għandhom l-ebda dritt li jilmentaw li ma ngħatawx smiegħ xieraq. Id-dritt li wieħed jingħata smiegħ xieraq ma jfissirx li parti tista' tinjora r-regoli proċedurali u ma tidhirx għas-seduti intiżi għall-provi tagħha b' mod indefinit kif qegħdin jippretendu l-konvenuti. Dan id-dritt jagħti biss il-fakoltà lill-partijiet li jressqu l-każ tagħhom u jrid jiġi kontrobilanċjat ukoll ma' l-obbligu li smiegħ għandu jingħata entro terminu ta' żmien raġjonevoli, partikolarment f' każ bħal dan fejn il-proċeduri in kwisjoni għandhom ikunu sommarji.

26. Għaldaqstant dan l-aggravju hu fieragħ u hu miċħud.

**Ir-Raba' Aggravju.**

27. L-appellanti jilmentaw ukoll li l-provi mressqa ma setgħux iwasslu għal sentenza ta' danni.

28. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat fl-isfond tal-fatt li Ruud Buhagiar stess, kemm fl-affidavit tiegħu kif ukoll fix-xhieda tiegħu ammetta li huwa kien ta' daqqa ta' ponn lill-attur. Dwar l-effetti ta' dik id-daqqa ta' ponn, jew iktar minn daqqa waħda kif jikkontendi l-attur, tressqu l-*Patients Certification Form* u ċertifikat tat-Tabib ENT Adrian M Agius mal-Avviż tal-każ a fol. 2 u 5 tal-proċess.

29. Kif ingħad iktar 'l fuq, a tenur tal-artikolu 9 tal-Kap. 380, it-Triubnal '*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*.'

30. Isegwi li l-aggravju tal-appellanti fis-sens li l-provi mressqa mill-attur ma setgħux iwasslu għal sentenza ta' danni għaliex l-ebda dokument ma ġie

maħluf mill-parti li ressqitu, huwa infondat. Effettivament, l-attur irrefera għal dawn iċ-ċertifikati fix-xhiedha tiegħu u dawn ma ġew kontraddetti bl-ebda prova oħra miġjuba mill-konvenuti. Inoltré, il-fatt li l-konvenut ġie liberat mill-akkużi kriminali kontrih ma jfissirx li għandu awtomatikament jinħeles mir-responsabbilità għal danni ċivili, u dan meta tqies li l-grad ta' prova fi proċeduri ċivili hu inqas oneruż minn dak fi proċeduri kriminali. In subizzjoni l-konvenut xehed: *"Hu u nieżel dan Spagnol baqa' dieħel ġo fiha u jiena ħassejtni mhedded dak il-ħin. Ngħid illi l-mod li kif ġie għal fuqhi kien b'ċertu saħħa u ħassejtni mhedded dak il-ħin u allura ħassejt il-bżonn li ndur u tajtu daqqa' f'wiċċu"*. Il-qorti mhi konvinta xejn li kien hemm il-ħtieġa li l-konvenut jirreaġixxi billi jfajjar daqqa ta' ponn f'wiċċ l-attur. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut li ta daqqa ta' ponn lill-attur b'leġittima difeża. Prova li fil-fehma tal-qorti ma saritx meta tqies ukoll li l-verżjoni li ta l-attur hi għal kollox differenti. Fil-fehma tal-qorti f'dan l-aggravju ma sar l-ebda argument li jikkonvinċi lill-qorti li t-Tribunal kien manifestament żbaljat meta kkonkluda li l-verżjoni tal-attur hi iktar kredibbli minn tal-konvenut. Il-qorti żżid li l-konvenut xehed li, *"Hu baqa' miexi u nieżel minn tal-linja qiesu mhux hu. Demm ma kellux u lanqas kelli demm jiena ma' idi"*. Fuq bażi ta' probabilta l-qorti temmen lill-attur li bid-daqqa ħariglu d-demm meta tqies li dakinhar tal-inċident mar l-isptar u fiċ-ċertifikat mediku jingħad li f'imnieħru għandu *"minimal deviation of tip to left"*. Minn dan ukoll il-qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma li meta xehed il-konvenut ma kienx fidil lejn il-verita'.

31. Għaldaqstant, tiċħad ir-raba' aggravju.

**<u>Il-Ħames Aggravju.</u>**

32. Illi permezz tal-aħħar aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw li l-intimati m'għandhomx jiġu kundannati jiħallsu l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża ladarba l-attur dam sal-14 ta' Jannar 2015 biex għalaq il-provi tiegħu.

33. Illi a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tirreferi għal paragrafi preċedenti fejn diġa jirriżulta li l-attur għalaq il-provi tiegħu fit-3 ta' Mejju 2011. L-unika provi li kien għad fadallu l-attur wara dik id-data kienu biss il-kontro-eżamijiet tax-xhieda prodotti mill-konvenuti b'dan illi ma kien hemm xejn x'josta biex il-konvenuti jressqu l-provi tagħhom minn dik id-data sal-14 ta' Jannar 2015 meta l-każ tħalla għas-sentenza. Lanqas ma jirriżulta mill-atti li fil-mori tal-aħħar differiment sar xi rikors mill-konvenuti biex jiġġustifika n-nuqqas tagħhom li jidhru għall-udjenza tal-14 ta' Jannar 2015 u jressqu l-provi tagħhom, u jitlob it-twaqqif tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jinstemgħu xi provi da parti tagħhom.

34. Tiċħad il-ħames aggravju.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenzi appellati, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.